MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 100/2008

Leonard u Glenys konjugi Bowman

Vs

Munxar Court Co. Limited

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ wiehed u erbghin elf disa’ mija u tmienja u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€41,928.72) rifuzjoni ta’ depozitu li thallas fuq konvenju li sar fl-14 ta’ Lulju 2006 li bih is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tbiegh lill-atturi l-appartament internament markat L7F u l-garaxx numru 19, l-ewwel livell ta’ l-istess bini, li kellu jinbena fl-izvilupp gdid maghruf bhala l-Andar Residences, fi triq gdida minghajr isem gewwa Triq Munxar, Munxar, Ghawdex.

Fis-seduta tal-lum il-partijiet ikkonfermaw li wara li giet prezentata l-kawza, l-atturi rcevew il-hlas tas-somma li thallset bhala depozitu u l-ispejjez tal-proceduri. Fadal l-interessi, li ntlehaq qbil dwarhom fis-sens li jithallas imghax ***"b'rata ta' erbgha fil-mija (4%) mid-data tal-konvenju 14 ta' Lulju 2006 sal-14 ta' Lulju 2008 u bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-15 ta' Lulju 2008 sal-gurnata li fih sar il-pagament sas-7 ta' Novembru, 2008."***. F'dan il-kuntest is-socjeta konvenuta pprezentat nota ta' ammissjoni u fl-istess waqt l-atturi rrinunzjaw ghat-talbiet numru wiehed (1) u tnejn (2).

Ghaldaqstant, il-qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet numru wiehed (1) u tnejn (2), tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-interessi fuq is-somma ta' wiehed u erbghin elf disa' mija u tmienja u ghoxrin u tnejn u sebghin centezmu (€41,928.72) b'rata ta' erbgha fil-mija (4%) mid-data tal-konvenju 14 ta' Lulju 2006 sal-14 ta' Lulju 2008 u bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-15 ta' Lulju 2008 sas-7 ta' Novembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------